*-rifużjoni ta' ħlas li sar lil kunsinnatarju*

*t'oġġetti maqbudin b'mandat eżekuttiv*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

# ILLUM, 9 ta' Lulju, 2019.

**Rikors Nru. 1021/18GM**

**Tony Vella ID201587M**

**VS**

**David Pace ID475573M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fis-17 t'Ottubru 2018, li permezz tiegħu l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

i. prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallsu s-somma ta' €56,413.44 rappresentanti l-ħlas effettwat mir-attur lill-konsennatarju Mark Tabone għall-ħażna ta' tlett vetturi li kienu ġew maqbuda u elevati in segwitu għall-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/2011; u

ii. tikkundanna lill-konvenut sabiex, għar-raġunijiet premessi, iħallas lill-attur l-imemmija somma ta' €56,413.44.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1605/18 u bl-imgħax;

Rat li permezz tar-Risposta Ġuramentata tal-konvenut datata 5 ta' Novembru 2018 il-konvenut eċepixxa illi:-

1. preliminarjament il-konvenut m'għandu xi jħallas xejn lill-attur stante illi l-vetturi kollha msemmija fir-rikors promotur u ċioe Leyland Daf, Seddon Atkinson u Ford Cargo għandhom proprjeta tal-attur u qatt ma sar xi tip ta' trasferiment lill-konvenut.
2. ghandu jiġi ċċarat taħt liema artikolu tal-liġi qegħda tintalab din l-azzjoni.
3. l-ammont kif mitlub permezz tal-Mandat li jġib in-numru 1605/18 mhux prima facie mistħoqq u huwa wkoll eċċessiv.
4. tali mandat da parti ta' Tony Vella huwa għal kollox vessatorju u intimidatorju fil-konfront ta' l-atturi, bbazat fuq allegazzjonijiet għal kollox infondati kif ser jiġi osservat mill-atturi stess matul is-smigħ tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li permezz ta' provvediment fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2019 il-kawża ġiet iddifferita għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-attur kien kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' qbid ezekuttiv bin-numru 70/11 kontra l-konvenut għas-somma ta' €14,000 bħala sorte (oltre għal spejjez u imgħax) – Dok A, u esegwixxa l-imsemmi mandat bl-elevazzjoni fuq tlett vetturi u ċjoe Seddon Atkinson Reg No DPS 001, Ford Cargo bla pjanċi ta' reġistrazzjoni u Leyland Daf bla pjanċi ta' reġistrazzjoni. Dawn i-vetturi tpoġġew taħt il-kustodja tal-konsennatarju nominat Mark Tabone. Il-konvenut issalda l-ħlas minnu dovut għas-sorte, spejjez u imgħax li għalihom ġie maħruġ il-mandat ta' qbid ezekuttiv bin-numru 70/2011 u għalhekk ġie maħruġ l-opportun kontro mandat u r-rilaxx eventwali ta' l-imsemmija vetturi iżda l-ħlasijiet u drittijiet mgħoddija mill-attur lill-konsennatarju fis-somma komplessiva ta' €56,413.44 inluz VAT skont il-fattura dok B baqgħu ma tħallsux mill-konvenut;

Illi in sostenn tat-talba tiegħu, l-attur talab l-allegazzjoni tal-mandat in kwistjoni. Esebixxa wkoll affidavit tal-kunsinnatarju li wera kif wasal għas-somma mitluba għabbażi tar-rata ta' €6 kuljum għal kull vettura (fol 53).

Il-konvenut m'għamel l-ebda kontro-eżami tal-kunsinnatarju u ma ressaq l-ebda provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi għalhekk it-talbiet tal-attur jirriżultaw ippruvati skont il-liġi;

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas lir-attur is-somma ta' €56,413.44 rappresentanti l-ħlas effettwat mir-attur lill-konsennatarju Mark Tabone għall-ħażna ta' tlett vetturi li kienu ġew maqbuda u elevati in segwitu għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/2011; u

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur l-imemmija somma ta' €56,413.44.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1605/18 a kariku tal-konvenut u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA